**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 10 ta' Lulju, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**-vs-**

**Michael Farrugia, detentur tal-karta tal-identità nru 221952M**

***Kumpilazzjoni Nru. 171/2016***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Michael Farrugia u ċioè talli:

Fl-Imqabba, fiż-Żurrieq u/jew fi bandi oħra f'Malta, nhar is-27 ta' Marzu, 2016, għall-ħabta għal-erbgħa ta' wara nofsinhar (16:00hrs):

1. Ingurja jew għamel offiża fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku u ċjoè PS 1227 Malcolm Pace, PC 1149 Aaron Debono u PC 1416 Daniel Galea waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
2. Attakka jew għamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li titqies bħala vjolenza pubbilka, kontra l-persuna ta' wħud inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku u ċjoè lil PS 1227 Malcolm Pace u PC 1149 Aaron Debono waqt li kienu qed jagixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi;
3. Għad li kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen u indiċenti liema kliem kien jikkonsisti ukoll fi kliem jew espressjonijiet ta' dagħa jew għamel atti jew ġesti oxxeni jew b'xi mod ieħor offenda l-morali, l-imġieba xierqa jew id-diċenza pubbliku;
4. Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
5. Ma obdiex ordnijiet leġittimi ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku u ma ħalliehx u fixxklu waqt li qed jagħmel d-dmirijiet tiegħu;

6. F'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku instab fis-sakra b'mod li ma jkunx jista' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu; u
7. Irrenda ruħu reċediv.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

Rat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tad-19 ta' Settembru, 2016,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-**PS1227 Malcolm Pace** mill-Ghassa taz-Zurrieq xehed li dahhlet telefonata mill-Control Room fejn gew infurmati li fil-kazin tan-Nazzjonalisti, fl-Imqabba, kien hemm xi muzika gholja. Ftit wara segwew ghadd ta' telefonati b'ilmenti simili. Flimkien ma PC1149 u PC1416 marru l-kazin u peress li veru l-muzika kienet gholja, l-barman gie ordnat ibaxxiha. Fil-kazin sabu lill-imputat jidghi u jitkellem hazin b'sigarett f'idu.[2] Il-barman qal lix-xhud li kien gja qal lill-imputat biex ma jpejjipx izda dan kien injorah.[3] PS1227 talab lill-imputat johrog il-barra u staqsieh ghall-particulars izda l-imputat *"l-ewwel qalli 'Jiena Michael Farrugia li noqghod Haz-Zebbug imma mill-Imqabba u li ala bieb ****i.' U fost ghajjat u dagha. Fil-pront pogga idejh fuq spallti......Beda jidghi u jinsulentani u jistiddinni ghall-glied, kif ukoll dar fuq il-kollegi tieghi u qalilhom li lanqas minnhom ma jibza.".*[4] Dawn il-kollegi kienu PC1149 u PC1416. Ftit wara gie hu l-imputat fuq il-post li beda jipprova jikkalmah izda ghalkemm ghal ftit hin dan ikkalma, ftit wara rega' qabad jinsulenta lix-xhud u lill-pulizija l-ohra. Mitlub jaghti l-*particulars* l-imputat ma kkowoperax ghax ghalkemm veru tah ismu ma tahx isem missieru u qal li l-full particulars ma kienx jafhom. Kien ghalhekk li s-Surgent ipproceda sabiex jaghrfu li jekk l-imputat ma kienx ser jaghti l-particulars hu kien ser ikun kostrett jiehdu l-Ghassa sabiex l-identita` tieghu tigi verifikata.[5] Ix-xhud jispjega li kif xhin sema' hekk *"Michael Farrugia **nfexx joffendini u beda jisteddinni ghall-glied wahdi. Kif ukoll dar fuq PC1416 u PC1149 u qalilna li t-tlieta (3) li huma kien ser jaqtalna rasna barra.** U li ma kienx ser jibza' minna.".* B'hekk gie deciz li jiehduh lejn l-ghassa izda l-imputat baqa' jzomm iebes u ghal diversi drabi ipprova jxejjerilu daqqa bil-ponn. *"Li*

[1] Fol.94
[2] Fol.28
[3] Fol.29
[4] Ibid.
[5] Fol.30

*kieku ma zammejtux, litteralment kien iweggani. U beda jattakka personali lili, lili personali. U beda jghidli wkoll li dina ma kientx ser tieqaf hawn, kif ukoll* ***kien ser jibqa biex ippattihieli. Irrid nghid li sahansitra, heddidni li joqtolli lill-mara u lit-tfal.*** *Qalli li mhux probelma ghalih, li kien ser jerga' jirrepettiha gewwa l-awla l-Qorti."*[6]. Ikompli jispjega li kif kienu sejrin bih lejn il-karozza tal-pulizija, Farrugia kien qed jinzamm minnu u minn PC1149 Aaron Debono u f'hin minnhom ***"dar fuq il-kollega tieghi, nizzel mohhu ma id PC1149 u gidmu. Li kieku ma kellux il-flokk, kien iweggu aktar gravi."***.

PS Pace ikompli li ma ntuzatx hafna forza fil-konfront tal-imputat peress li Farrugia kien qallu li jahdem hinijiet twal fix-xemx u jbati minn kundizzjoni fil-gilda li kif jintmiss tittebba. Beda jinsulentah, jghajjru mahmug, li kien mexa mieghu bi hdura u li l-istess surgent kien jobghodu meta skond ix-xhud qatt ma kien kellmu qabel. Jghid li qallu li jekk kien qed jibza minnu ma kienx ser ikellmu hu izda ufficjal iehor, u dan sabiex tkun tista' tigi verifikata l-identita` tieghu, izda Farrugia xorta prova ixejjer daqqiet ta' ponn lejh. Ghalhekk intalbet l-assistenza tal-RIU. Tant beda jissara li f'hin minnhom laqat idejh mal-ponta tal-bieba tal-vettura u ghamel girfa fuq idu l-leminija bejn il-polz u l-minkeb.[7] Kif wasslu tal-RIU u l-imputat kien qed jigi mehud l-Ghassa, rega' insulentah. Pace jirrakonta ukoll li kif nehha idu minn fuqu intebah li kien hemm marka minfejn kien qed jinzamm.[8] Jghid li anke xhin wasslu l-ghassa quddiem l-ispettur Charlotte Curmi, ipprova jxejjirilu daqqa ta' ponn.

PS1227 kkonferma ir-rapport redatt minnu.[9] Minn hawn jirrizulta li meta l-imputat kien qed jigi ordnat jidhol fil-vettura, dan irrifjuta u qal li ma kien ser idahhlu qatt avolja kien 30 sena izghar minnu. Malli wasslu tal-RIU l-imputat ilmenta li s-surgent kien ghamel sahha mieghu u ittebbat il-gilda ghalhekk qalilhom biex ma jaghmlux sahha mieghu huma wkoll.[10] Fil-hin li kien hdejn il-vettura kien sar *audio recording* filwaqt li x'hin iddahhal l-ghassa gie *recorded* b'filmat jghajjat fil-konfront tal-Ispettur Curmi u jinsulenta lil PS1227. Curmi nnutat li xhin l-imputat kien hdejn l-ufficju taghha carrat il-qmis minn fuqu.[11] Fl-atti baqaw ma gewx esebiti dawn ir-recordings.

Giet esebita l-istqarrija tal-imputat minn fejn jirrizulta li kien ilu jixrob il-kazin sa mill-10.30. Jghid li s-surgent ma talbux johrog izda qallu li ser jarrestah mill-ewwel. Gewwa l-ghassa qal li safa insulentat u kien hemm pulizija li tah daqqa ta' ponn fuq ghajnejh u ohra fuq xoftu u ftit wara izid li fl-ghassa xhin kienu madwar 8 pulizija *"qabduni u sabtuni mal-art".* Jichad li hedded lill-pulizija, anzi jghid li bdew jimbuttawh ghalxejn. Jikkonferma li fetaq il-qmis mill-buttuni biex

6 Ibid.
7 Fol.32
8 Fol.33
9 Dok. MC2 a fol.12 et seq.
10 Fol.14
11 Fol.15

juri lill-pulizija dak li ghamlulu.[12] Fl-ahhar jinnega li kien qed jixrob il-kazin *"inparlaw konna"*[13] u dan meta fi kliemu kien diga xorob bejn erba u sitt vodka![14]

Il-Qorti tqis li hu kemmxejn inverosimili li gewwa l-Ghassa, fejn anke kien hemm Spettur ta' Pulizija, l-imputat kien ser jisfa attakkat u msabbat mal-art minn xejn inqas minn 8 pulizija.

Illi gie esebit certifikat mediku mahrug minn **Dr Elaine Lauria** fejn jirrizulta li l-imputat ma halliex lit-tabiba tezaminah u dan anke wara li lmenta minn ugigh fl-irkoppa tal-lemin fejn beda jimxi b'diffikulta.[15] Certifikat iehor mahrug dwar l-imputat wera li soffra ukoll "*multiple bruising over both (r) and (l) forearms especially (r) forearm.*" u kellu *abrasion* fuq l-irkoppa tax-xellug.[16]Meta txihed din tikkonferma li l-griehi setghu kienu kawzati minn *'rough handling'*.[17]

Illi xehed **PC1149 Aaron Debono** li spjega dak li sehh fis-27 ta' Marzu, 2016, meta wasslu l-kazin. PS1227 informa lil barman sabiex ibaxxi l-volum u fl-istess hin kien hemm l-imputat li beda jidghi bil-Madonna u bin-Nazzjonalisti. PS1227 gibed l-attenzjoni ta' dan ir-ragel sabiex jitkellem sewwa kif ukoll li kien qed ipejjep gewwa l-kazin. PS1227 ordna lill-imputat johrog l-barra u kif hargu talbu l-particulars u dan qallu li kien *"Michael Farrugia, Ta' Gazza, li joqghod Haz-Zebbug imma mill-Imqabba u ghala bib z*****. Fil-pront beda jghajjat u jidghi u pogga idejh fuq spallejn is-surgent u kif is-surgent qallu biex ma jmissux [h]u kompla jidghi u jinsulentah u beda jistiednu ghall-glied kif ukoll dar fuqi u fuq PC1416 u qal li lanqas minna ma jibza."*[18] Fil-hin li s-surgent baqa' jitlob ghall-particulars, l-imputat ma bediex jikkowopera u gie nnutat li kellhu riha qawwija ta xorb. Is-surgent hemmhekk infurmah li kien ser jittiehed l-ghassa u l-**imputat rega' infexx joffendi lis-surgent u dar fuq ix-xhud u PC1416 u heddidhom li ser jaqtalhom rashom**, *"Fil-pront haddnieh lejn il-karozza tas-servizz u kif ra hekk Michael beda jissara u qal li minn hemm* ***mhux ser nohduh fost hafna dagha u jinsulenta lil PS1227 li ha jpattihielu. Ahna bqajna nzommu lil Michael mal-karozza izda fil-pront baxxa rasu ma idejja ix-xellugija u rega' tela' f'salt u giddimni fuq idejja.****"*[19] Baqaw izzomuh fuq il-post fejn l-imputat imbaghad beda jghid li jahdem ghal hinijiet twal fix-xemx u minhabba f'hekk il-gilda tieghu kienet titebba' malajr. *"Michael kompla jhedded lis-surgent li ser joqtollu l-mara u lit-tfal kif ukoll beda joffendih bil-mejtin u beda jghidlu ukoll li qed jimxi mieghu bi hdura. Is-surgent wissieh biex joqghod attent dwar dak li kien qed jghid. Dak il-hin stess* ***Michael gholla jdejh bil-ponn biex jaghti daqqa lis-surgent*** *u beda jghidlu li dak ma jiflahiex ghax hu beda jisfidah ghall-glied ukoll. Michael beda jghid ukoll li jekk is-surgent ser jibqa jaghfaslu idu ser ikorri bl-ikrah u*

---

[12] Fol.18
[13] Fol.19
[14] Fol.18
[15] Dok MC5 a fol.21
[16] Dok. MC6 fol.22
[17] Vide xhieda a fol.101-104.
[18] Fol.78
[19] Fol.78-79

*beda jistiednu biex ma jaghfas aktar. PS 1227 qallu li mhux jaghfaslu idejh u kieku ried idahhlu fil-karozza kien jaf x'ghandu jaghmel imma Michael qallu lura li mhux ser idahhlu qatt avolja tletin sena izghar minnu."*[20]

Ikompli jispjega li l-imputat beda jissara mal-pulizija u ngiref mal-vettura tas-servizz fuq idejh il-lemminija. Kif l-imputat kien ser jittiehed mill-RIU beda jilmenta dwar dak li ghamillu s-surgent minhabba li l-gilda tieghu kienet titebba u fil-pront rega' offenda lis-surgent billi ghajru *"p***a u red***** ****** ommok".* Hekk kif kien l-ghassa tiela' lejn l-ufficju tal-Ispettur Farrugia *"prova jhebb ghal PS1227 minn naha ta' wara tieghu".* Jikkonferma li sofra griehi hfief fejn kellhu jiehu titqiba kontra t-tetnu minhabba li gidma li garrab,[21] liema gidma tidher fuq ir-ritratti esebiti.[22]

Illi **Dr Susan Mallia** kkonfermat li kienet ezaminat lill-Aaron Debono u nstab li kellu *"nefha u ughigh fuq id-drigh tax-xellug."*[23] Minn dan ic-certifikat[24] jirrizulta li PC Debono soffra griehi hfief.

Illi **PC1416 Daniel Galea** ikkonferma il-verzjoni gja moghtija minn PS1227 u PC1149. Meta intlemah l-ewwel darba, l-imputat, li kien qed jidghi bil-Madonna u jpejjep gewwa l-kazin, gie mitlub johrog il-barra mis-surgent sabiex jittiehdulu l-particulars. Jiddeskrivi lill-imputat bhala rrabjat u aggressiv *"Dak il-hin jiena u s-surgent bdejna nghidulu biex izomm idejh l-isfel, dana ghal fatt li beda jgholli idejh vicin ta' wicc is-surgent. Emm huwa nizzel idejh pero imbaghad ftit wara rega ghola idejh fuq l-ispalla tas-surgent fejn dak il-hin is-surgent ordnalu biex inehhi idejh minn fuqu....fil-pront beda jidghi u jinsulenta lis-surgent u jistiednu ghal glied kif ukoll dar fuq[i] u fuq il-kollega PC1149 u qalilna li mhux ser jibza minna."*[25]

Jispjega kif is-surgent kien ilu jitolbu il-particulars izda dan baqa jghidilhom li ma jafx x'jismu u ma jafx fejn joqghod! Dwar dan il-Qorti hi perplessa ghas-semplici fatt li ftit qabel l-istess xhud jghid li mill-ewwel l-imputat tahom id-dettalji dwar ismu, minn fejn hu, fejn kien joqghod u l-laqam tieghu! Jigi osservat fil-fatt li l-imputat ma giex akkuzat bir-reat kontravvenzjonali prospettat bl-artikolu 338(g) tal-Kodici Kriminali.

Wara li is-surgent informa lill-imputat li kien ser jittiehed l-ghassa biex tigi verifikata l-identita` tieghu, l-imputat rega' infexx joffendi lis-surgent u qal lilu u lil PC1149 *"li kien ser jaqtalna rasna barra u li ma kienx ser jibza minna.".*[26] Ikompli li **kif l-imputat gie ordnat jittiehed lejn il-vettura tas-servizz beda jirrezisti u baqa' jissara sal-ahhar, jehhdidhom u joffendihom, filwaqt li**

---

[20] Fol.79
[21] Ibid.
[22] Dok. AD fol.50-52. Dawn ittiehdu minn PC1160 Kevin Penza- xhieda a fol. 86-87
[23] Fol.64
[24] Dok. MP fol.36
[25] Fol.82
[26] Ibid.

**kontinwament joffendi lis-surgent.**[27] Bhala l-kliem li ntqal lis-surgent ix-xhud jghid li beda jghidlu li kien mahmug u li **kien ser joqtollu l-mara u lit-tfal.** Ddeskriva ukoll kif l-**imputat anke gidem lil PC1149**. F'dan il-hin l-imputat li kien qed jinzamm minnhom beda jghidilhom li kien ghamel hafna hin fix-xemx u b'hekk il-gilda tieghu tittebba'. Is-surgent qallu li ma kienx qed jaghfsu imma f'dak il-hin irnexxielu jnehhi idejh minn idejn is-surgent u prova jaghtih daqqa ta' ponn. Ma laqtux imma baqa' jisfidah ghall-glied.[28] Xhin kien fl-ufficju tal-Ispettur Curmi beda jilmenta minn ugigh f'saqqajh u ittiehed il-Health Centre, Floriana, izda ma halliex lit-tabiba tezaminah u baqa' jinsisti li jittiehidlu x-ray. Hekk sar u rrizulta li ma kien hemm l-ebda ksur izda li kien soffra griehi hfief.

Illi xehdet ukoll l-**Ispettur Charlotte Curmi** li ddeskriviet kif fis-27 ta' Marzu, 2016, kienet l-ghassa iz-Zurrieq u f'hin minnhom instema' hafna storbju mill-parti t'isfel tal-Ghassa. Niezlet u rat lill-imputat qed ikun *"arroganti u b'mod vjolenti.... Beda jghajjar lil Pulizija, beda jghajjarhom mahmugin, beda joffendihom bil-familja u bil-mejtin taghhom u kif rajt is-sitwazzjoni qed teskala kien hemm unit tal-RIU ukoll stedint lis-Sur Farrugia biex jitla' fuq peress li hemmhekk jigu n-nies jaghmlu r-rapporti ghidtlu biex jitla' fuq. Hemmhekk tgerbeb hu u tiela' t-tarag ghax kien jidher li kien fi stat ta' sakra".* Kien ghalhekk li ordnat li jitella' fuq u kif tela' carrat il-qmis biex juriha x'kienu ghamlulu.[29] *"U kompla jghid termini, kompla juza termini kontra l-Pulizija u fuq il-mejtin tal-Pulizija....F' ***** il-familja taghkom, mahmugin".*[30] *L-imputat beda jghid lill-pulizija ukoll kliem li **"Issa nsibkhom wara".***[31]

Illi **Michael Farrugia**, l-imputat, ghazel li jixhed u spjega kif kien dakinhar tal-Irxoxt, fil-kazin ma kienx hemm storbju. Ha xi 4 drinks, u ghalkemm gieli kien hemm iktar minn 2 minn nies hu baqa' ghalih wahdu.[32] Jammetti li kien qed ipejjep u jghid li l-pulizija *"beda jghajjat ghajjat spjettat. Insomma dahal bum bum bum jghajjat mieghi, imbuttani, imbuttani kwazi qalibni. Imbaghad jiena ghamilt bhalu. U nsomma ghajjat lil ohrajn ejjew anke beda jghajjarhom lil ohrajn il-Pulizija biex jidhlu jigru....U qabduni qas nghidlek x' m' ghamlux. U nsomma jien ma ridtx nirkeb mieghu, ma ridtx."*[33] F'hin minnhom Pulizija tal-RIU qallu bil-prudenza biex jitilqu minn fuq il-post u rikeb gol-karozza u marru l-ghassa taz-Zurrieq.[34] Jghid li safa bi griehi f'idu u f'ghonqu. Ikompli li meta l-ispettur qaltlu jitla fuq *"U malli tlajt fuq kien hemm xi 10 Pulizija u lili dawruni hekk u jiena fin-nofs, fin-nofs u domt hekk qisu 7 minuti.".* Jghid li tela dak li kellhu xi jghid mieghu u offendih izda l-pulizija l-ohra ma qalu xejn izda *"Insomma jien ghamilt bhalu bhal ma qalli hu ghamilt jien u f' daqqa u fil-hin*

[27] Ibid.
[28] Fol.83
[29] Fol.66
[30] Fol 67
[31] Ibid.
[32] Fol.107
[33] Fol.108
[34] Fol.109

*tani daqqa ta' ponn qasamli... Hawnhekk fuq ghajni U nsomma f' daqqa u l-hin insib daqqa minn wara ta' zarbun u ntfajt hekk wicci mal-art u bid-daqqa li dak ma stajtx inqum...u min tahieli ma nafx....Ghax tant id-daqqa li tani sturdejt mad-daqqa li hadt ma' wicci hekk ghax tahieli hekk tahieli minn wara. Imma daqqa".*[35] L-imputat izda meta mistqosi mill-Qorti jekk kienx is-Surgent li tah din id-daqqa, dan jghid li hu cert li ma kienx hu. Jinnega li gie mitkellem fuq mill-ispettur u daqstant iehor li waqa' it-tarag *"hu qal li waqajt it-tarag mhu vera xejn dan. Jien ma stajtx nimxi, jien ma stajtx nimxi..... jiena u niezel wahdi nzilt it-tarag jiena jigifieri xorta ma waqajtx u kont mugugh ta' vera. Tista' tahseb sieqi wara gimgha giet kollha demm u mort ghand it-Tabib, kollha demm beda gie minn hawn u baqa' niezel sal-qiegh ta' sieqi*".[36] Lejn l-ahhar tax-xhieda tieghu l-imputat qal li jiddispjacih li offenda lis-Surgent.

Jigi rilevat li mix-xhieda[37] u mic-certifikat ta' Dr Lauri ma jirrizultaw ebda daqqiet fuq ghonq l-imputat jew fuq ghajnejh jew xi daqqiet ohra fuq l-aspett posterjuri.[38]

Illi **Miriam Farrugia**, bint l-imputat, esebiet numru ta' ritratti fejn jidhru b'mod car il-griehi li garrab li mid-dehra taghhom jidhru tbengil u tislieh li pjuttost qishom 'grip marks'.[39] Bintu tikkonferma li wara li ppruvat issibu id-depot, marret l-Isptar u sabitu bi griehi *"F'idu. Kellu go wicc[u], f'ghajnejh kellu xi girfa, ...tbengil, u saqajh ma stajtx naraha imma ma setghax jimxi sewwa."*[40]

Fid-decizjoni **Il-Pulizija vs Sean Sinclair Pace**[41] sar studju approfondit dwar ir-reati principali addebitati lill-imputat. Ghandu jigi puntwalizzat mill-bidu nett illi hemm distinzjoni netta bejn iz-zewg reati previsti bl-artikolu 95 u 96 tal-Kapitolu 9, ghalkemm it-tnejn ghandhom bhala vittma persuna fil-vesti ufficjali taghha.

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja, it-theddid jew l-offiza fil-konfront ta'l-ufficjal pubbliku. Issa din l-ingurja, theddida jew offiza trid issir jew (1) filwaqt illi l-ufficjal pubbliku ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-oltragg fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta dan l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja, it-theddida jew l-offiza tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita. L-awturi **Cheveau et Helie**, li isemmi il-**Professur Mamo** fin-notamenti tieghu, ighidu:

---

[35] Fol.110-111
[36] Fol.112-113
[37] Fol.101-102
[38] Dok. MC6 a fol.22
[39] Fol.117
[40] Fol.120
[41] Appell Numru 519/2015; Per Onor. Imhallef Dr Edwina Grima, 26 ta' Mejju 2016. Vide ukoll il-**Pulizija vs Renald Briffa**, Deciza 27.02.2013, Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Onor. Magistrat Dr Edwina Grima

"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre*."

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika billi l-att materjali ma ikunx gie kommess filwaqt tal-qadi tal-funzjoni pubblika.

L-artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita', ma tistax tissussiti r-reita taht din id-disposijoni tal-ligi. Il-Mamo ikompli ighid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.*"
Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku".

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*."

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

"*Dana l-artikolu* (b'referenza ghall-artikolu 96) *jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti".*

Ser issir riferenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Grazio Spiteri**:[42]

"Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta'l-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu il-gieh u ir-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

[42] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D., Deciza 19.04.2012

Illi l-vittma ta' dana ir-reat jista' ikun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre*."

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-**Professur Mamo** fin-notamenti tieghu ighid:

"*This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person*."

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuseppe Borg** jinghad:

"*Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacche' il reato puo' avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato*.""

<u>Illi l-imputat jibqa' ma jghti ebda spjegazzjoni ghall-gidma fuq PC1149</u>. <u>Ma jsemmi mkien li hu hedded lill-pulizija, rrezistihom, u li kemm il-darba aggredixxa lis-Surgent</u>.[43] Filwaqt li l-imputat jghid li *"hu"*, fejn kien qed jirreferi ghas-surgent, qal li waqa' it-tarag, jichad li hu waqa' it-tarag u dan meta kienet l-Isoettur Curmi li rat kollox jigri quddiem ghajnejha.[44]

Il-Qorti kkonsidrat ukoll jekk kienx possibli li l-kuntistabbli li xehedu, taw verzjonijiet simili minhabba li riedu jaggevlaw lis-<u>superjur</u> immedjat taghhom, u cioe` lil PS1227. Certament l-Ispettur Curmi zgur ma kienitx ser tixhed bil-mod kif xehdet sabiex tintghogob ma' <u>sub-altern</u> u ghalhekk il-Qorti regghet qieset dak li xehdet l-istess spettur fejn fix-xhieda taghha, li kienet wahda inciziva,

---

[43] Xhieda PC1416 fol.81-83; Xhieda PC1149 a fol. 78-79
[44] Fol.113

jirrizulta b'mod cjar li l-atteggjament tal-imputat, hekk kif deskritt fil-mument meta gie arrestat mill-pulizija li xehdu f'dawn il-proceduri, ssokta sal-hin li twassal l-ghassa: *"Beda jghajjar lil Pulizija, beda jghajjarhom mahmugin, beda joffendihom bil-familja u bil-mejtin taghhom ..... Hemmhekk tgerbeb hu u tiela' t-tarag ghax kien jidher li kien fi stat ta' sakra*[45] ..... *kompla juza termini kontra l-Pulizija u fuq il-mejtin tal-Pulizija... L-imputat beda jghid lill-pulizija ukoll kliem li "Issa nsibkhom wara".*[46]

Ghalhekk b' xhieda tal-imputat hekk selettiva, il-Qorti zgur ma tistax tqis li din ghandha mis-sewwa, kuntrarjament ghax-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija.

Illi ma hemmx dubbju illi l-ufficjali tal-pulizija involuti f'dana l-incident agixxew sabiex izzommu il-buon ordni; kienu qed jezegwixxu l-ligi billi jaghtu dawk l-ordnijiet mehtiega sabiex l-ligi tigi mharrsa. L-imputat minflok obda l-ordnijiet tal-pulizija ghazel li jhebb ghall-pulizija, u jattakkahom billi xejjrilhom daqqiet ta' ponn u spicca jigdem wiehed minnhom u dan fl-istess waqt li jheddidhom u jinsultahom.

Illi l-Qorti ma tistax tikkondividi dak li qed jigi sostnut mid-difiza u cioe' li s-surgent eskala ta' xejn sitwazzjoni inokwa. L-imputat kien manifestament qed jikser il-ligi u malli baqa' jigi mitlub ghall-iktar dettalji sabiex issiru l-verifiki mehtiega, ghalkemm kien gja ta' xi particulars, ghazel li jiehu it-triq tal-konfrontazzjoni fir-rigward ta' dawk li kienu qed jezegwixxu l-ligi u jzommu l-buon ordni. Anke jekk ghal grazzja tal-argument, jista' jaghti l-kaz li s-sitwazzjoni setghet giet 'handled' ahjar, jibqa' l-fatt li d-dmir tal-imputat kien dak artikolat fid-decizjoni **Il-Pulizija vs Jerken Decelis**[47]:

"L-imputat kien fid-dmir li, minghajr paroli u xenati zejda, jobdi l-ordnijiet legittimi li kienu gew moghtija lilu mill-Pulizija sabiex imur l-Ghassa ta' San Glijan. L-ordnijiet legittimi moghtija mill-Pulizija lic-cittadin ma humiex hemmhekk biex jigu kontestati, argumentati, mkasbra jew injorati sommarjament mir-ricevent. Qeghdin hemmhekk biex jigu obduti – dejjem u minghajr dewmien, ghalkemm bla pregudizju ghad-dritt ta' dak li jkun li jirreklama wara l-gustizzja intrinseka ta' dik l-ordni. Altrimenti jkun ifisser li kull persuna jkollha l-jedd tagixxi kif trid u joghgobha minghajr hadd ma jista' jzommha jew irazzanha. Nigu fi stat ta' gungla – l-antitezi tal-ordni mehtiega biex il-hajja socjali tkun tista tezisti f'armonija relattiva.

L-atteggjament tal-imputat fil-konfront tal-Pulizija mill-ewwel deher li kien menefregista, ta' sfida, nonce aggressiv."

Illi ghal dawn il-motivi ma hemmx dubbju illi l-fattispecje ta' dana il-kaz jinkwadraw ruhhom perfettament fid-dispost tal-artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 u allura ser tinsab htija ghar-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet.

Illi mix-xhieda prodotta jirrizultaw pruvati it-tielet, il-hames u s-sitt imputazzjoni.

---

[45] Fol.66

[46] Ibid.

[4747] Deciza fit-22 ta' Novembru, 2013, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Illi fir-rigward tar-raba imputazzjoni il-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Novembru, 1999, qalet dan fid-decizjoni taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija versus Maria Concetta Green**:[48]

"L-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat gew ezaminati funditus f'diversi sentenzi u gie ritenut li, bhala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghamil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghamil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.

L-iskambju ta' kliem, anke jekk ingurjuz jew minaccjuz fih innifsu u minghajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jizviluppa fih, jew iwassal ghal, xi haga ohra u aktar serja (bhal glied bl-idejn jew hsara fil-propjeta') ma jammontax ghall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali."

L-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Noel Tanti** rriteniet kif gej:[49]

**Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali:**

"Il-Pulizija vs. Alfred Pisani" **[5.5.1995] ir-reat kontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-*"common law*" Ingliza kien jissejjah "*a breach of the peace"* . Bhala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minnhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f' mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta' , kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minnhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak lghemil.**

**Fl-Appell Kriminali** "Il-Pulizija vs. Paul Busuttil" **[23.6.1994] umbaghad gie ritenut li din l-ekwiparazzjoni ta' dan ir-reat mal-kuncett Ingliz ta' "*breach of the peace*" tirrisali ghal zmien Sir Adriano Dingli li proprju f' kawza deciza minnu fl-10 ta' Gunju, 1890 , fl-ismijiet** : "Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et**.**" **kien qal hekk :-**

***"Che il buon ordine e la tranquillita' pubblica sta nella sicurezza , o nella opinione ferma della sicurezza sociale , -- nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all' autorita' pubblica , sia degli individui stessi fra loro , e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica , o della sicurezza individuale , e' violazione dell' ordine pubblico , independentemente dalla perpetrazione di altro reato."* (Kollez. Vol. XVII, p.47, 475).**

**Fl-istess sentenza ta'** Paul Busuttil **gew citati b'approvazzjoni McCall Smith u Sheldon li, fil-ktieb taghhom "Scots Criminal Law" (Edin. Butterworths, 1992) , jghidu :-**

***"The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by the Courts. In*** *Ferguson v. Carnochan* ***(1889) it was said not necessarily to be "alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace". Alarm may now be too strong a term: in***

[48] Volum LXXXIII Part IV paġina 441
[49] Appell Nru.46/2005; Deciza 5 ta' Mejju, 2005, per Onor Imhallef Dr. Joseph Galea Debono.

*Macmillan v. Normand* ***(1989) the offence was committed when abusive language caused "concern" on the part of policemen at whom it was directed." (p.192) .***

**u dik il-Qorti ziedet tghid li :-**

*"Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x' jammonta jew x' ma jammontax f' kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz , Gerald H. Gordon , fit-test awtorevoli tieghu "The Criminal Law of Scotland" (Edinburgh, 1978):*

***"Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application." (p.985, para.41-01).***

***U aktar 'l quddiem l-istess awtur jghid :-***

***"...although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance." (p.986, para. 41-04).***

Illi fid-dawl ta' din il-gurisprudenza u tar-rizultanzi processwali l-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni irnexxiela tipprova l-akkuzi kollha filwaqt li l-hames imputazzjoni hija assorbita, ai fini ta' piena, fit-tieni imputazzjoni.

Illi giet prezentata sentenza fil-konfront tal-imputat moghtija nhar is-27 ta' Marzu, 2014,[50]precizament sentejn qabel ma sehh dan il-kaz, minn fejn jirrizultaw l-istess konnotati tal-imputat. Ghalhekk l-addebitu tar-recidiva gie soddisfacentement ppruvat ukoll.

In kwantu ghal piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni in-natura tar-reati li qed tinstab htija dwarhom; reati intizi sabiex jimminaw iz-zamma tal-ordni, u aghar minnhekk, jigu vittimizati dawk li lilhom gie fdat dan l-inkarigu.

Ittiehed konsiderazzjoni ukoll tal-fedina penali tal-imputat li bl-ebda mod ma jista' jitqies bhala xi *first time* offender. Ma jistax ma jigix nnutat li l-imputat f'Marzu, 2014, instab hati propju fuq offizi identici u cioe` li ghamel offizi fuq persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, gwardjan lokali, kif ukoll li attakka u ghamel rezistenza kontra l-imsemmi gwardjan.

Ghal dawn il-mottivi wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 31, 49, 50, 95, 96(a), 338(bb)(dd)(ee)(ff) u 339(1)(e) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal ghaxar xhur prigunerija kif ukoll ghal multa ta' €5,000.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

---

[50] Dok. MC fol.71